TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 47/17-F

**Carmen u George Mifsud**

**vs**

**Charles Cachia eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Alu Screens**

Illum 26 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti prezz ta' aluminium li twaħħal, liema aluminium intefaħ u ikkorrowdja, u kif ukoll prezz ta' ħġieġ li kellu l-problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw xogħol ta' aluminium kif ukoll tal-ħġieġ fil-fond tagħhom ġewwa l-Qawra, u wara ftit żmien qasir bdew joħorġu ħsarat kemm f'dak ta' l-aluminium kif ukoll ma' ħġieġa partikulari.

L-intimat issottometta illi x-xogħol li kienu xtraw ir-rikorrenti ma ngħataw l-ebda garanzija u li ma kinux disposti li jagħmlu l-ebda tiswija.

Illi apparti l-fatt illi jidher li kien hemm xi konflitt bejn il-partijiet, fejn wieħed qed jgħid li kienu nfurmawhom li ma kinux koperti bil-garanzija, t-Tribunal josserva li meta tkun qed tbiegħ prodott, il-Liġi tobligak li tagħti garanzija. Illi minkejja li m'intix qed tagħtiha u għaldaqstant ma tistax tirraġuna u tgħid illi jiena biegħejt ix-xogħol mingħajr garanzija, għax ix-xogħol għandu jkollu dik il-garanzija neċessarja, biex jiġi assigurat li x-xogħol ikun sar tajjeb. Di piu, akkont tal-fatt illi t-tiswijiet u l-ħsarat bdew joħorġu eżatt ftit wara li twaħħal kollox, juri l-problema li kien hemm fl-aluminium.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jikkonċedi li l-aluminium huwa iktar delikat iktar minn aluminium normali u għalhekk għandhom jittieħdu iktar prekawzjonijiet meta dan jitwaħħal, u mhux is-soluzzjoni li tgħid li ma tagħtix garanzija.

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti ġabu stima tax-xogħol tagħhom u li jammonta għal tlett elef, erba' mija u wieħed u sittin ewro, u ħames ċenteżmi (€3,461.05)

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**